Isla
Città Invicta

Kunsill Lokali l-Isla

RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

JANNAR – DICEMBRU 2013

Is-Seba' Legislatura Jannar – Dicembru 2013

## Amministrazzjoni:

### Servizz b'aktar efficjenza

Wara li s-sena l-ohra imbarkajna fuq sistema amministrattiva b'aktar efficjenza, komplejna nahdmu biex din tkun aktar effettiva u efficjenti ghall-servizz ahjar mic-cittadin. Fejn jidhlu lmenti li jippartjenu entitajiet u awtoritajiet ohra il-Kunsill jibqa jishaq u jiffolowja sakemm dawn jigu solvuti. Matul ix-xhur tas-Sajf rajna kif nistghu nibbenefikaw mill-Internships fejn zewg studenti Taljani u wahda Germaniza qattaw tlett xhur jghinu fil-qasam amministrattiv. F'Settembru impjegat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali gie assenjat mal-Kunsill sabiex jghin fix-xoghol amministrattiv. Bhalissa dan hu responsabbli mit-tqassim ta' xogholijiet li jridu jsiru fil-lokal kif ukoll responsabbli mill-kuntratturi mqabbda mill-kunsill biex jaghtu servizz fil-lokal. Dan sabiex ikollna l-ahjar servizz hekk kif mitlub mill-kuntratt.

### Korsijiet tal-Kompjuters

Matul ix-Xhur tas-Sajf il-Kunsill flimkien ma' TCTC u Intercomp organizza numru ta' korsijiet tal-Kompjuters ghat-tfal taht il-programm Ikids. Ghall-ewwel darba sar ftehim bejn il-Kunsilli tat-tlett ibliet u l-Kalkara biex isiru dawn il-korsijiet flimkien. Ic-Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters fis-Sala tal-Kunsill kompla jservi wkoll għal riċerka fuq l-internet għall-beneifiċċju tal-komunita'.
Matul il-perjodu tax-xitwa nzammu numru ta' korsijiet fl-ECDL u Learn IT

### Korsijiet ohra

Inbarkajna fuq progett ta' numru ta' korsijiet b'temi diversi ghall-beneficcju tar-residenti

### Website, Facebook Page u Twitter tal-Kunsill

Il-website tal-kunsill qed niehdu hsieb li nzommuha updated b'informazzjoni utli ghar-residenti u ghal kull min ghandu interess fil-lokalita taghna. Qed naghmlu uzu minn facebook u minn twitter biex inzommu lil min hu interessat fil-lokalita, aggornat b'dak li jkun ghaddej.

### Laqghat ma' Ministri u Segretarji Parlamentari

Inzammu numru ta' laqghat mal-Ministri u Segretarji Parlamentari godda f'diversi oqsma fejn gew prezentati diversi raporti dwar il-bzonnijiet fil-lokal.

Saru laqghat ghall-ghaqdiet lokali mill-MEUSAC biex jispjegaw ahjar il-beneficcju tal-EU ghall-ghaqdiet u kif jistghu japplikaw ghall-fondi ewropej, fejn kien hemm xi ghaqdiet li applikaw ghall-fondi.

MEPA

Izammu diversi diskussjonijiet mal-MEPA dwar is-sitwazzjoni ta' 3 Krenijiet bla uzu u ta' eye sore gewwa t-Tarzna li thares lejn Triq is-Sur

Qed isir pressjoni mill-Kunsill sabiex dawn jitnehhew u jitqeghdu aktar lejn Bacir numru 3 peress li qeghdin bla uzu u qed ikerhu l-ambjent.

Ghaqdiet Lokali

Il-Kunsill kompla bil-hidma id f'id mal-Ghaqdiet tal-Lokalita' biex jitkompla jitwettaq xoghol siewi mill-ghaqdiet fil-lokalita'. Hdimna wkoll sabiex l-Ghaqdiet Lokali jkomplu jorganizzaw attivitajiet ghar-residenti tal-lokal.

Fuljett

Il-Kunsill ha hsieb li jippublika Fuljett f'Marzu 2013 li tqassam dar dar fejn tajna harsa tal-progetti u xogholijiet li nzammu fil-lokalita' bejn Jannar 2012 u Marzu 2013.

## Edukazzjoni

Laqghat mal-Iskola Primarja

Matul is-sena skolastika inżammu diversi laqgħat mal-Kap ta' l-iSkola fejn rajna kif nistgħu naħdmu flimkien fil-qasam edukattiv u sportiv. Saret applikazzjoni ghall-progett taht fondi ewropej Comenius li ghalkemm din ma gietx accetata mhux ser taqtalna qalbna li nergu nissotomettu applikazzjoni ohra ghall-beneficcju tal-istudenti u ghalliema taht il-calls il-godda tal-Erasmus ghas-sena 2014.

Waqt l-attivitajiet ta' Jum l-Isla saret mawra mal-lokal ghall-istudenti fejn zaru diversi siti storici. Wara l-istudenti pprezentaw lill-Kunsill xogholijiet li jaghmlu relatati mal-ambjent u l-istorja fl-Isla.

Inbarkajna fuq laqghat mal-iskola primarja, il-Ministeru tal-Infrasstruttura, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-FTS fejn sar qbil li jsir progett ta' embellishement fuq il-playground Taghna t-Tfal. Dan il-progett ser jinzamm mill-Ministeri rispettivi fejn saru l-pjanti mehtiega u inghata l-permess tal-MEPA.

Arts u Krafts

Ghall-ewwel darba bil-kollaborazzjoni mas-Socjeta Maltija ghall-Arti nzammu korsjiet fis-sajf fl-arts u krafts gewwa s-sala tal-Kunsill

Librerija Pubblika u Story Telling

Il-Librara hadmet sabiex tippromovi aktar is-servizzi offruti mill-Librerija Pubblika fejn anke hadmet mal-Iskola Primarja. Saru diversi attivitajiet fil-Librerija relatati ma' Story Telling. Sar investiment fejn inxtraw numru ta' kotba godda.

## Esebizzjoni Kullegg Santa Margerita

Matul l-open week fil-Kullegg Santa Margerita jtelghet wirja fuq it-Tlett Ibliet fejn il-Kunsill esebixxa xogholijiet marbuta ma' din il-Belt Marittima.

## Kottonera Day

B'kollaborazzjoni bejn it-tlett Kunsilli tal-Isla, Birgu u Bormla u dak tal-Kalkara nzammu numru ta' attivitajiet fl-ibliet tal-kottonera u l-Kalkara bl-inizjattiva tal-Kullegg Santa Margerita.

## Persuni b'Dizabilita

Hdimna qrib u involvejna l-Grupp Gwardjola (ghaqda Sengleana li thares l-persuni b'dizabilita), f'hidma biex niffacilitaw il-hajja tal-persuni b'dizabilita gewwa l-Lokal taghna. Ikkonsultajna ma raprezentanti taghhom fi progetti kapitali, fi skema tax-xoghol u anki ressaqnihom lejn aktar entitajiet biex jghinuhom jimxu aktar il-quddiem fil-hidma taghhom.

Zammejna laqgha mas-Segretarju Parlamentari Dr Franco Mercieca biex flimkien mal-Gvern, il-Kunsill Lokali u Grupp Gwardjola tinghata ghajnuna mill-Gvern Centrali sabiex dan ic-centru jinfettah ghall-uzu ta' persuni b'dizabilita' fejn jkun imexxi minn persuni kompetenti mibghuta mill-Gvern Centrali.

## Centru tal-Kommunita'

Wara talba minn numru ta' residenti li jahdmu diversi krafts, offrejna s-sala tal-kunsill sabiex dawn kull gimgha jiltaqghu, jippratikaw u jaghlmu dawn it-talenti.

## Progetti Kapitali

Xogholijiet fil-Letrina Pubblika tax-Xatt fejn din saret mill-gdid bl-ghajnuna tal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura, fejn il-haddiema tal-Gvern ghamlu x-xoghol mehtieg u l-Kunsill provda l-materjal b'nefqa kapitali ta' Eur 12000.
Xoghol ta' Manutenzzjoni mal-area tal-Letrini Pubblici fix-Xatt u l-area tal-Bust ta' Juan B Azopardo. Sar xoghol ta' kisi, tikhil u zebgha bl-ghajnuna tal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura, fejn il-haddiema tal-Gvern ghamlu x-xoghol mehtieg u l-

Speed limit signs victory street
Mirrors
Dog litter bins
Rubber Speed Moderators
Railings
Spralli
Signage
Bollards
Tabella Librerija Pubblika
Tindif, installazjoni ta' Xatba u ftuh ta' xelter fil-ponta tal-Isla.

Is-sezzjoni responsabbli mill-manutenzzjoni tal-funtani fil-garaxx tal-Gvern hadet hsieb li tinzamm manutenzzjoni fuq bazi regolari fil-funtana li hemm fi Gnien il-Gardjola.

Dan l-ahhar gie komplut ix-xoghol ta' restawr fuq il-Madonna tan-nofs, xoghol li sar mill-Kumitat ghar-Rijabilitazzjoni tal-Kototnera.

Tlesta xoghol ta' Tisbih mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura fi Triq l-Arkati fil-pjazetta quddiem Villa Davies.

Tkompla x-xoghol ta' Tisbih fid-Dahla tal-Isla

Restawr Statwi San Pietru u San Pawl – l-offerti ghar-restawr tax-xoghol mehtieg gew evalwati u adgudikati u sar ix-xoghol mehtieg fuq ir-restawr taz-zewg statwi, b'nefqa kapitali ta' Eur 7000.

Sar numru ta' xoghol ta' Manutenzzjoni fil-lokal fosthom tibjid ta' railing, tibjid u tikhil ta' hitan, patching, road marakings, kaptelli fost l-ohrajn.

Fil-jiem li gejjin ser jinghata bidu ghall-xoghol ta' manutenzzjoni mad-dawra ta' Triq il-Migja tal-Papa.

## Progetti Kapitali Ippjanati

Ghaddejin diskussjonijiet dwar numru ta' progetti proposti fosthom Resurfacing u progetti ta' rigenerazzjoni fosthom siti Triq San Pietru u San Pawl, Triq is-Sur u manutenzzjoni maguri f'toroq ohra.

Ghaddejin b'diskussjonijiet mal-Cottonera Rehabiltation Committee dwar ir-restawr tas-swar tal-isla kif ukoll ix-xoghol mehtieg fuq il-monument tal-Gwerra

Fil-xhur li gejjin ser jibda x-xoghol tal-Letrina Pubblika fi Gnien il-Gardjola u Paneli Fotovoltaici fi Gnien il-Gardjola.

Saret applikazzjoni mal-MEPA dwar xoghol ta' tisbih u dawl fil-mina ta' Sant Anna

Sar tigi nstallata Book Box gewwa x-Xatt tal-Isla.

Ser nahdmu biex nesploraw il-potenzjal li joffru x-xelters fl-Isla.

Ghaddejin b'diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari Dr Jose Herrera dwar Memorial li jfakar il-bahrin biex isir fix-Xatt tal-Isla

## Rigenerazzjoni fil-Lokal

### Progett ta' Tisbih fix-Xatt tal-Isla

Matul din is-sena kompla x-xoghol fuq il-progett tat-tisbih tax-xatt li issa wasal fil-fazi finali. Il-Kunsill kompla ghaddej b'diskussjonijiet kontinwu mal-GHRC waqt li ken ghaddej ix-xoghol biex niehdu l-ahjar progett possibli. Giet irrangata l-problema ta' parkegg kif propost mill-progett wara li l-Kunsill taha l-kontra proposti tieghu u b'hekk igwadanjana minn aktar spazji ta' parkegg.

Qed isiru diskussjonijiet fuq dawl ahjar matul il-promenade u fl-area tal-ponta u r-regatta klabb.

Ghandhom isiru slepping policeman u ser nipprezentaw talba lill-TM dwar Traffic Management ahjar rigward il-One Way fix-Xatt.

## Ambjent

### Ġbir ta' Skart Imħallat u Riċiklat

Biex inkomplu nsaħħu ż-żamma tal-ambjent u nilqgħu l-isfidi f'dan il-qasam, il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu fuq ġbir ta' skart riċiklat mill-att domestiku u kummerċjali.
Fejn jidhol skart domestiku l-Kunsill ha diversi mizuri u kkomunika dirett mar-resident dwar dan. Flimkien mal-Kumitat tar-Regjun Xlokk qed nahdmu fuq is-servizz ta' *Environmental Wardens* sabiex inħarsu l-ambjent ta' madwarna. Minn rapporti li ghandna dan is-servizz hu wiehed effettiv li qed ihalli r-rizultati u qed jippenalizza li dawk li jinqabdu jiksru l-ligi.

### Bulky Refuse

Dan s-servizz jinghata b'xejn darbtejn fil-gimgha u nistghu nghidu li minn sena ghall-ohra qed naraw aktar uzu minn dan is-servizz.

### *Litter Bins*

Gew installti numru ta' litter bins fil-lokalita'

## Xogħol ta' Manutenzjoni:

### Ħaddiema IPSL u CWS (*Community Work Scheme*)

Inzammu xogholijiet ta' manutenzzjoni fuq bazi regolari. Inżebgħu ukoll *railings* tat-toroq u l-ħadid li nsibu fit-toroq bit-taraġ. Sar xogħol fuq tindif ta' *culverts*, tindif ta' Forti San Mikiel, tikhil ta' turgien, tikhil u tibjid f'diversi zoni, sinjali tat-traffiku, bdil ta' kaptelli u manutenzjoni fit-toroq u bankini kif meħtieġ. Dawn il-ħaddiema flimkien ma' oħrajn assjenati mill-IPSL kienu utli ghx-xoghol mehtieg fil-lokalita'

Il-Kunsill ukoll ibbenefika minn numru ta' skemi tal-ETC fejn persuni li qed jirregistraw kienu qed jahmdu maghna ghal perjodu definitt. Bis-sahha ta' dawn l-iskema tajna l-opportunita' lill-persuni Sengleani japplikaw ghal dawn l-iskema u jahdmu fost il-kommunita'.

### Road Markings

Il-Ħaddiema taħt l-iskema CWS u dawk ta' l-IPSL wettqgħu x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku madwar l-Isla kollha. Bl-użu ta' riżorsi ta' dawn il-ħaddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

*Street Lighting*

Matul is-sena nżamm numru ta' manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq fil-Lokalita'. Hadna hsieb biex hsarat fid-dawl jigu rrangati mill-aktar fies possibli. Gieli jkollna xi hsarat minn naha tal-Enemalta, meta jkollna dan it-tip ta' hsarat il-kunsill dejjem ha hsieb li jinfurhhom immedjatament.

Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*

Taħt ir-responsabilita' tal-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd tkompla ix-xogħol ta' żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas* flimkien ma' żbir ta' siġar. Zrajna wkoll numru ta' pjanti u fjuri fejn possibli biex inzidu d-dehra sabieha fil-lokalita.

*Signage*

Sar programm sabiex jigu rrangati, mibdulin numru ta' Street Signage. Ma' dawn twahhlu numru ta' Signs godda u mirja. Dan il-programm inzamm biex niffacilitaw il-hajja tar-residenti u sewwieqa u jnaqsu l-perikli.

## Trasport Pubbliku

Arriva

Il-Kunsill baqa' f'kuntatt dirett mal-Arriva u Transport Malta sabiex iressaq talbiet u suggerimenti ghal servizz ahjar.

B'sodisfazzjon inhabru li r-Rotta 124 ghall-Wied Il-Ghajn (li hadet post ir-Rotta 22) ser tinkludi l-Isla wkoll u ghalhekk wara tghaddi Bormla - Zabbar - Marsaskala - Zonqor and San Tumas.

Qed naghmlu pressjoni kontimwa fuq problemi ohra u proposti ohra li konn ressaqna matul l-2012.

Zammejna laqgha pubblika ghar-residenti li kellha attendenza sodisfacenti fejn wara l-istess laqgha thejja rapport dettaljat u ghadda lill-awtoritajiet koncernati.

Il-Kunsill ghaddej rapport dettaljat li kien jinkludi l-problemi u proposti ghall-titjib fis-servizz pubbliku. Dan gie diskuss mal-awtoritajiet koncernati. Min-naha tieghu l-Ministru Joe Mizzi ndirizza dawn il-problemi u proposti fejn implimenta numru ta' tibdil sostanzzjali ghall-servizz ahjar minn u lejn l-Isla fit-trasport pubbliku.

Ferry Service

Dan is-servizz qed jaghti l-frott u qed nistennew li fil-futur qarib l-operatur jintroduci Ferry akbar li jiehu aktar passigieri.
Il-Kunsill baqa' ghaddej kontinwament b'diskussjonijiet mal-operatur sabiex dan is-servizz ikompli jitjieb.

Traffic Management

Ghamilna konsultazzjoni shiha ma' transport malta dwar -

Sewqan Eccessiv fi Triq il-Vitorja sabiex jigu ntrodotti mizuri ghal sewqan ahjar
Traffic Management ghal Triq il-Migja tal-Papa u Triq iz-Zewg Mini bejn Triq il-Mina tax-Xatt u Triq il-Kuncizzjoni.

One way system tax-Xatt

## Attivitajiet:

### Jum l-Isla

Għal Jum l-Isla nżammu numru ta' attivitajiet –

### Attivitajiet Kulturali u Ohrajn

Karnival

Harga Bird Park

European Maritime Day

Weekend Breaks

Harga Familja

Harga Aquarium

Attivita' Anzjani fil-Milied

Fitness Classes

Summer Camp

Attivitajiet fi Gnien il-Gardjola minn diversi Ghaqdiet fl-Isla

Kuncert Muzikali mill-Banda La Vincitrice

Hi Teas u Coffee Mornings

Maritime Senglea International Festival

il-5 edizzjoni tal-Festival Internazzjonali Senglea Marittima

# L-Isla tilqa' delegati ta' Konferenza tal-U.E. f'ċelebrazzjoni tal-wirt marittimu

Żewġ esibizzjonijiet , waħda mill-artist Taljan Cari Privitera, u l-oħra mtellgħa mis-*Senglea Historical Society*, tnedew fil-lejla tat-12 ta' Settembru waqt iċ-ċerimonja inawgurali tal-ħames edizzjoni tal-Festival Internazzjonali Senglea Marittima f'Misraħ 4 ta' Settembru ġewwa l-Isla.

*Silenzio* hi esibizzjoni li qed tittellgħa ġewwa l-Każin tal-Banda La Vincitrice, ta' xogħlijiet tal-iskultur Sqalli Cari Privitera. Mill-banda l-oħra ġewwa s-sede tal-Azzjoni Kattolika, dejjem f'Misraħ 4 ta' Settembru, tinstab l-esibizzjoni *Exodus* mtellgħa mis-*Senglea Historical Society*. Is-serata inawgurali wasslet ukoll wirjiet mill-Grupp Vokali minn Daugavpils mil-Latvja u mill-Grupp Malti Kantilena.

Il-Festival kien inawgurat minn Dr Josè Herrera, Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, li fid-diskors tiegħu tkellem dwar l-għeruq marittimi tant b'saħħithom ta' din il-belt, kif ukoll dwar ir-rabta tagħha mal-baħar. "Inħeġġeġ mhux biss lis-Sengleani, iżda lil nies minn kull parti ta' pajjiżna, biex f'dan it-tmiem il-ġimgħa jattendu dan il-Festival u jgawdu u japprezzaw dak kollu li joffri: kultura, divertiment, u tant ħwejjeġ oħra," qal Dr Herrera.

Is-Sindku tal-Isla, Justin J. Camilleri, wassal kelmtejn ta' introduzzjoni u warajh tkellem Joe Scerri, Direttur Artistiku tal-Festival, li ta informazzjoni dwar l-avvenimenti prinċipali li se jseħħu tul dawn il-jiem tal-Festival li qed jinżamm taħt l-awspiċi tal-*European Destinations of Excellence and Aquatic Tourism Eden 2010*.

Dan il-Festival irċieva ukoll is-sapport mill-Programm tal-Unjoni Ewropea 'Ewropa għaċ-Ċittadini' (Action 1 Measure 1.2 Networks of twinned towns), is-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, il-MEUSAC, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, u diversi negozji lokali, fosthom Artsphere International, Bank of Valletta plc, Coca-Cola, Palumbo shipyard and superyacht facilities, Malta Maritime Pilots, Villa del Porto, John Ripard & Son (Shipping) Ltd, Green MT, Camper and Nicholsons, Grand Harbour Marina, Emmanuel Delicata Winemakers, Grimaldi and Sullivan Maritime.

Fl-istess jiem ta' dan il-Festival, ġewwa l-Isla qed tinżamm ukoll il-Konferenza 'Il-Qawmien Mill-Ġdid ta' Bliet Antiki', liema konferenza qed tibda proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea, li jtul sena sħiħa, u li jsieħeb lill-Isla ma' bliet mill-Italja, l-Latvja u l-l-Litwanja.

Wieħed mill-mistiedna waqt l-inawgurazzjoni wassal il-ħsieb ta' bosta meta kkummenta dwar il-programm impressjonanti li nħaseb u li qed ikun organizzat għal dan l-avveniment. "Kull sena l-Festival Senglea Marittima qed jagħtina ċ-ċans li nerġgħu ningħaqdu mal-passat tagħna u napprezzaw il-wirt tant sinjur li l-Isla għandha x'toffri."
Persuna oħra osservat: "Nies minn l-Isla u minn inħawi oħra ngħaqdu flimkien u bħal dejjem qamu għall-okkażjoni, biex jagħtuna l-opportunità naqsmu u napprezzaw il-wirt marittimu varjat tagħna."

## Ġemellaġġi

### Gole e Sapori ġewwa Fara San Martino

F'Awissu, il-Kunsill kien mistieden mill-Municipalita ta' Fara San Martino biex niehdu sehem fil-Festival Gole e Sapori. Konna provduti b'stand fejn hadna l-opportunita' nippromovu l-istorja, l-ikel u t-tradizzjonijiet tal-belt u l-pajjiz taghna. Hadna l-opportunita' fejn zammejna diskussjonijiet mas-Sindku u Kunsilliera ta' Fara San Martino sabiex nahdmu flimkien ghall-Progetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea

F'Settembru delegazzjoni mill-Kunsill ta' Fara San Martino flimkien mal-Grupp Pro Loco attendew u hadu sehem fil-Maritime Senglea International Festival 2013.

## Żgħażagħ

### Kunsill Lokali Żgħażagħ

Il-Kunsill laqa' l-inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport biex jitwaqqaf Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ matul l-2012 u l-2013 għall-żgħażagħ bejn l-14 u s-17-il sena biex jieħdu sehem fi djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu temiet ta' importanza li għandhom x'jaqsmu mal-lokalita' rispettiva tagħhom. B'sodissfazzjon inħabbru li din kienet opportunita' siewja għall-żgħażagħ biex isiru jafu aħjar kif jaħdem Kunsill Lokali u jieħdu esperjenza għall-futur. Intant inħattar Sindku u Viċi Sindku u Segretarju Eżekuttiv minn fost iż-żgħażagħ stess. Dawn huma imexxija Youth Worker maħtur mis-Segretarjat u jiltaqgħu fl-uffiċini tal-Kunsill. Iż-żgħażagħ ġew imħarrġa biex jagħrfu kif jopera Kunsill Lokali u kif jiġi mfassal Pjan ta' Ħidma. L-għan ta' din l-esperjenza hu li ż-żgħażagħ stess jissotomettu proġett għall-Lokalita'.

Din hija esperjenza posittiva u nhajru zghazagh ohra biex jiffirmaw parti mill-Kunsill taz-Zghazagh tal-futur.
Nawguralhom kull suċċess f'din il-hidma.

Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

Zewg progetti approvati mill-Unjoni Ewropea , bl-Isla tkun Lead Partner

Revival of Old Towns and Cities – Network of Twinned Partners

Il-Qawmien mill-Ġdid ta' Bliet Antiki

# Il-Konferenza fl-Isla tagħti bidu għal proġett li jtul 12-il xahar u li jsieħeb flimkien erba' bliet Ewropej

Illum (12 ta' Settembru 2013), ġewwa l-Isla, bdiet konferenza internazzjonali bħala parti mill-proġett 'Il-Qawmien Mill-Ġdid ta' Bliet Antiki'. Dan il-proġett hu mifrux fuq 12-il xahar, u huwa finanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Programm 'Ewropa għaċ-Ċittadini' *(Action 1 Measure 1.2 Networks of twinned towns)* u mill-Gvern Malti. Il-MEUSAC għen dan il-proġett billi assista lill-Kunsill Lokali tal-Isla f'laqgħat ta' tħejjija waqt il-proċess u l-ħin tal-applikazzjoni.

It-tliet sħab l-oħra f'dan il-proġett internazzjonali huma Zarasai, mil-Litwanja; Daugavpils, mil-Latvja; u Fara San Martino, mill-Italja. Kemm Zarasai kif ukoll Daugavpils, f'Mejju 2014 se jilqgħu konferenzi ta' tkomplija, waqt li Fara San Martino jospita l-konferenza tiegħu f'Awwissu, biex imbagħad l-aħħar sessjoni tal-konferenza li tikkonkludi l-proġett, tinżamm mill-ġdid ġewwa l-Isla f'Settembru 2014.

Kull konferenza għandha tema differenti relatata mal-qawmien mill-ġdid ta' bliet antiki. It-titli/suġġetti tal-erba' konferenzi huma: l-Isla - *Physical Infrastructure*; Zarasai - *Performing Arts*; Daugavpils - *Re-Imagining The City*; u Fara San Martino - *Active Citizenship.*

Kull belt, fl-istess jiem tal-konferenza tagħha, sejra wkoll torganizza festival. Mil-lum ġewwa l-Isla tibda l-ħames edizzjoni tal-Festival Internazzjonali Senglea Marittima. Imbagħad f'jiem il-konferenza ġewwa Zarasai se jkun qed jiġi organizzat Festival Internazzjonali ta' Folklor u Arti, l-istess isir waqt il-konferenza f'Daugavpils meta jittella' l-Festival tal-istess belt, u hekk ukoll f'Awwissu ġewwa Fara San Martino meta jsir il-Festival *Gole e Sapore.*

Il-wirt komuni li jgħaqqad dawn l-erba' bliet fil-proġett 'Il-Qawmien Mill-Ġdid ta' Bliet Antiki', huwa t-Tieni Gwerra Dinjija, li ħalliet effett sinjifikattiv fuq il-ħajja kulturali, l-aktar permezz il-binjiet li ntlaqtu tul l-attakki mill-ajru iżda li salvaw minn qerda totali, l-isforzi biex jiġu preservati teżori f'dawn il-lokalitajiet, u ċ-ċaqlieq furzat tal-popolazzjoni. Filfatt riżultat tal-gwerra l-popolazzjoni ta' dawn l-erba' bliet naqset ferm, l-aktar ġewwa l-Isla.

Il-Proġett jimmira biex joħloq identità madwar dawn l-erba' bliet, u biex ibiddel il-ħsieb tal-popli tagħhom b'tali mod li jwassalhom iwettqu r-realizzazzjoni tal-opportunitajiet kawżati mill-effett ta' belt 'tiċkien'. Il-miri ewlenin tal-Proġett huma:

- li jitwaqqaf il-ħruġ minnhom tal-poplu tagħhom;
- żieda f'parteċipazzjoni attiva miċ-ċittadini;
- ħolqien ta' identità permezz tal-istorja u l-edukazzjoni;
- qawmien ġdid tas-settur artistiku; u
- żieda ta' attività ekonomika.

Aktar minn 300 parteċipant ġejjin mil-Litwanja, l-Latvja, l-Italja, u minn Malta huma mistennija li jattendu l-konferenza. Dawn jinkludu kunsilliera, riċerkaturi, akkademiċi, dawk li jfasslu l-politika, artisti, sidien ta' negozji żgħar fis-settur tar-rikreazzjoni, organizzazzjonijiet mhux governattivi, pensjonanti u tfal tal-iskola.

Dr Josè Herrera, Segretarju Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali, laqa' lid-delegati għal din il-konferenza li se ddum erbat ijiem, u awgura li jintlaħqu l-miri tagħha u tal-proġett sħiħ mifrux fuq sena. "Intom poġġejtu quddiemkom tragwardi ambizzjużi, iżda l-esperjenzi komuni tal-popli tal-erba' pajjiżi, u l-għan li lejh qed

timmiraw flimkien għandhom iwasslu għas-suċċess tal-Proġett li din il-Konferenza fl-Isla qegħda tinawgura," qal Dr Herrera.

Dr Ian Borg, Segretarju Parlamentari għall-Presidenza Ewropea 2017 u Fondi mill-UE, qal li permezz ta' dawn l-avvenimenti, dak li jhedded lil dawn il-bliet u l-ostakli preżenti, jiġu mitkellma u diskussi, waqt li jingħarfu l-opportunitajiet ġodda , l-aktar permezz tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea. "L-Unjoni Ewropea hi qawwa kbira għall-paċi u għall-prosperità ekonomika, li għandha twassal lil dawn l-erba' bliet jittrasformaw ruħhom permezz ta' dan il-Proġett tant validu," qal Dr Borg.

Kelliema oħra fiċ-ċerimonja ta' tnedija kienu ċ-Ċermen tal-Konferenza Giovanni Navarro; is-Sindku tal-Isla Justin J. Camilleri; u Joe Scerri, Direttur tal-Konferenza ġewwa l-Isla fil-Proġett 'Il-Qawmien Mill-Ġdid ta' Bliet Antiki'.

Il-konferenza se tikkonsisti f'numru ta' sessjonijiet plenarji b'kelliema ta' livell mill-erba' pajjiżi, diskussjoni mill-panel u tliet *workshops* dwar: Il-bombardamenti u l-konsegwenzi fuq l-arkitettura; Is-salvataġġ u l-preservazzjoni ta' teżori artistiċi u relikwji bħala salvazzjoni tal-identità ta' komunità; u Iċ-ċaqlieq furzat lil hinn mill-għeruq, ta' popolazzjonijiet matul is-snin. Id-delegati se jkollhom ukoll l-opportunità jagħmlu żjara f'postijiet storiċi u ta' interess ġewwa l-Isla, kif ukoll igawdu l-Festival Internazzjonali Senglea Marittima.

Cultural European Language through Sport – C.E.L.S.

# *Youth in Action* proġett mill-Kunsill Lokali L-Isla jgħaqqad flimkien ħamest ibliet Ewropej

*Cultural European Language through Sport* , Proġett *Youth in Action*, immexxi mill-Kunsill Lokali L-Isla beda fis-7 ta' Settembru 2013 fl-Isla, uffiċjalment inawgurat mill-Onor Stefan Buontempo , Segretarju Parlamentari għar-Riċerka , Innovazzjoni , Żgħażagħ u Sport . L-iskambju se jibqa' għaddej sal-15 ta'Settembru 2013, iffinanzjat bl-appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea taħt il- programm *Youth in Action* ( Azzjoni 1.1 Iskambju taż-Żgħażagħ ). Il-MEUSAC appoġġjat dan il-proġett billi assistit lill-Kunsill Lokali l-Isla f'laqgħat preparatorji matul il-fażi tal-applikazzjoni u l-proċess.

L-erba' msieħba oħra f'dan il-proġett internazzjonali huma Zarasai , Litwanja, Daugavpils, Latvja, Fara San Martino, l-Italja u Craiova, ir-Rumanija. Il-proġett jiġbor flimkien 42 -żgħażagħ u 12- il mexxejja mill-pajjiżi parteċipanti.

Permezz tal-proġetti tagħna, aħna qed jippromwovu l-involviment attiv Ewropew fost iż-żgħażagħ, permezz ta' sport, attivitajiet fil-beraħ, l-aspetti kulturali, u dieta tajba lejn għajxien aħjar.

L-għanijiet ewlenin ta ' dan il-proġett huma:

- Tiżdied il-parteċipazzjoni attiva' permezz taż-Żgħażagħ fi ħdan kulturali, storiku, tradizzjoni u l-identità
- Il-ħolqien ta' ftehim kulturali fi ħdan Lingwa Ewropea permezz Sports , bil-promozzjoni tad-diversità kulturali
- Promozzjoni tal-kreattività permezz ta' sfondi kulturali differenti
- Promozzjoni ta' ħajja b'saħħitha permezz t' attivitajiet sportivi u fużjonijiet t' l-ikel
- Il-bini ta' soċjetà inklużiva

Ser niltaqgħu wkoll ma' gruppi oħra Maltin, fosthom :
- Sport u organizzazzjonijiet kulturali
- Organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu ma' gruppi żvantaġġjati
- Artiġjani u l-kooperattivi, bħall-Barklori Sengleani

Qed jiġi enfasizzat li l-parteċipanti kollha għandhom jiksbu għarfien lingwistiku u interkulturali ġodda flimkien mal-benefiċċji kulturali, li se jressaqna flimkien f'ambjent Ewropew wieħed.

Waqt l-iskambju taż-żgħażagħ ser ninvolvu ruħna f' attivitajiet differenti bit-temi: Wirt intanġibbli u Tradizzjonijiet , Kultura , Tiekol ikel tajjeb għas-saħħa u Attivitajiet fil-beraħ, Kreattività u Intraprenditorija, l-Inklużjoni Soċjali, Ċittadinanza Ewropea, u l-Opportunitajiet Ewropej oħrajn kollha relatati mal-interess ewlieni tagħna, l-isport. Permezz ta' dawn l-avvenimenti ta' *networking*, se jaqsmu flimkien l-ostakli u theddid preżenti tagħna filwaqt li nfittxu opportunitajiet ġodda, prinċipalment permezz tal-ishubija fl-Unjoni Ewropea. Postijiet li qed jintużaw għal dan l-iskambju jinkludu l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, postijiet fil-beraħ madwar l-Isla u Malta, bini tal-NGOs parteċipanti, postijiet sportivi u postijiet t' akkomodazzjoni.

## Relazzjonijiet Internazzjonali

### Walled Tows Conference

Il-Kunsill kien mistieden jiehu sehem fil-Walled Towns Conference f'Palma de Mallorca fejn gejna mitluba naghtu prezentazzjoni fuq il-Lokalita' u l-esperjenza taghna bhala Destinazzjoni Ewropea ta' Eccelenza.

Is-Sur Vince Zammit iraprezeta lill-Kunsill Lokali l-Isla fl-EWT Symposum 2013 f'Ottubru gewwa l-Irlanda.

### Ballan Mire

Bejn l-ahhar ta' Novembru u l-bidu ta' Dicembru nzamm Youth in Action Project f'Ballan Mire, Franza bit-tema European Citizenship fejn il-Kunsill tal-Isla kien sieheb. Ghal dan il-progett hadu sehem 5 zghazagh flimkien mas-Sindku Justin John Camilleri u l-Kunsillier Chris Cocker

### EDEN Network

Hadna sehem ghan-Networking Meeting fi Brussels f'Novembru organizatt mill-EDEN. Attenda l-Kunsillier Ramon Mangion.

### Job Bridge Malta Project

Inzamm avveniment taht dan il-progett, gewwa l-Germanja fejn gew diskussi diversi temi fosthom il-beneficcji tal-Internships.

### Anna Lindh

Konna raprezentnati fl-avveniment annwali tal-Anna Lindh li nzamm f'Marseille Franza, fejn konna mistiedna niehdu sehem f'Intercultural Fair dwar progetti li ghamilna taht l-Anna Lindh Foundation.

## Konkluzzjoni

Is-sena 2013 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod biex wettaq il-ħidma tiegħu mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Issa jmiss li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.

Infakkrukom li aħna lesti li naħdmu magħkom lkoll, tiddejqux tavvicinawna bi proposti jew inizjattivi li jkollkom f'moħħkom. Il-bieb tagħna dejjem miftuħ għalikom.

Grazzi mill-qalb li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'.

Justin John Camilleri
Sindku

Arthur Perici
Segretarju Eżekuttiv